**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Alfred Galea

vs

Portelli & Brincat Ltd

CCT 140/20/MS

6 ta' Ottubru 2021

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrentipprezentat fil-5 ta' Ottubru 2020 fejn talab lil dan it-Tribunal jikundanna l-isocjeta' intimata tirrifondilu s-somma ta' mitt Euro (€100.00) rapprezentanti depozitu li thallas minnu ghal konsenja u installazjoni ta' *Venetian blinds*, liema *blinds* baqghu mhux konsenjati jew installati.

Ra illi s-socjeta' intimata, debitament notifikata bl-avviz tal-kawza u tas-smigh, m'ghamlitx risposta u lanqas ma dehret quddiem dan it-Tribunal meta hekk imsejha, sabiex taghti l-versjoni taghha.

Ra l-atti kollha tal-kawza

Sema' x-xhieda tar-rikorrent bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi irrizulta mill-provi illi r-rikorrent Alfred Galea xtara Venetian blinds (48" x80" - Cream) minghand is-socjeta' intimata f'Lulju 2019 u hallas depozitu ta' mitt Euro (€100.00), hekk kif jidher mis-Sales Order esebit minnu. L-ammont kollu kien ta' mija u disghin Euro (€190.00) u d-depozitu ta' mitt Euro-thallas fil-15 ta' Lulju 2019. Fix-xhieda tieghu ir-rikorrent ighid illi l-*blinds* baqghu ma gewx ikkonsenjati u dan nonostante diversi tentattivi minnu sabiex jaghmel kuntatt mas-socjeta' intimata.

Illi s-socjeta' intimata debitament notifata b'dawn il-proceduri, qatt ma ghamlet risposta u qatt ma dehret quddiem dan it-Tribunal biex taghti l-versjoni taghha li b'xi mod tikkontrasta

dak li qed ighid ir-rikorrent. Dan ma jawgura xejn tajjeb, u jkompli jikkorrobora l-versjoni tar-rikorrent, li fic-cirkostanzi hija verosimili hu ghandha titwemmen minn dan it-Tribunal.

It-Tribunal jinnota wkoll illi skond it-termini ta' pagament fuq in-naha ta' wara tas-Sales Order, id-depozitu kellu jkun 25% tal-ammont shih u cjoe' €47.50. Minflok jidher illi r-rikorrent hallas iktar minn 50% tal-ammont shih, kontra l-istess termini tal-bejgh.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' dawn il-proceduri, ir-rikorrent qieghed jitlob lil dan it-Tribunal jikundanna l-isocjeta' intimata tirrifondilu d-depozitu mhallas minnu ghal konsenja u installazzjoni ta' xoghol illi baqghet ma saritx.

Illi t-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrent ipprova l-istanza tieghu u ghalhekk it-talba tieghu jimmerita illi tigi milqugha fl-intier taghha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikundanna l-isocjeta' intimata tirrifondilu s-somma ta' mitt Euro (€100.00). Bl-ispejjes kontra s-socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru